MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 455/2007

Kawza fil-lista: 28

**A C B D**
**vs**
**E C B**

**Il-Qorti,**

Permezz tar-rikors guramentat l-attrici ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-kontendenti zzewwgu fit-12 ta' Dicembru 2005 u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg tal-kontendenti li qed jigi anness u markat bhala Dokument A.

2. Illi l-partijiet kellhom zewg ulied, Sarah li twieldet qabel iz-zwieg fl-1 ta' Gunju 2004 u Erin li twieled fl-1 ta' Jannar 2007, u liema tfal ghalhekk ghadhom minuri.

3. Illi l-hajja konjugali ta' bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-intimat irrenda ruhhu hati lejn martu l-esponenti ta' vjolenza, adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi, u ragunijiet ohrajn serji li skond il-ligi jaghtu lok ghal separazzjoni personali, u minhabba inkompatibilita' ta' karattru .

4. Illi l-esponenti talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza kontra zewgha ghas-separazzjoni personali, skond ma jirrizulta mid-Dokument B li qed jigi anness.

5. Illi ma hemmx lok ghal rikonciljazzjoni u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex :

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba li l-intimat irrenda ruhhu hati lejn martu l-esponenti ta' vjolenza, adulterju, theddid, sevizji, eccessi u ingurji gravi, u ragunijiet ohrajn serji li skond il-ligi jaghtu lok ghal separazzjoni personali, u minhabba inkompatibilita' ta' karattru

2. Tafda lill-esponenti bil-kura u kustodja tal-minuri Sarah u Erin, salv l-access tal-intimat ghall-istess ulied minuri jekk ikun il-kaz, liema access jekk jigi akkordat ghandu jibqa' taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u bl-istess modalita' skond kif inhu regolat bid-digriet vigenti ta' din l-Onorabbli Qorti.

3. Tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-esponenti ghaliha u ghall-ulied minuri dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament inkluz provvediment ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, u ordni ghall-hlas dirett mis-salarju jew director's remuneration tal-intimat, li ghandhom jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti.

4. Tapplika in toto jew in parte kontra l-intimat l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48 sa 53 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tillikwida l-istess b'mod li jigu stabbiliti porzjonijiet in divizjoni u assenjati lill-partijiet u, billi wkoll tigi stabbilita data li minn dakinhar l-intimat jitqies li ddekada minn kull akkwist maghmul bix-xoghol u bil-hila tal-esponenti, u danakollu okkorrendo bl-opera ta' perit nominand.

6. Tiddikjara illi l-fond 23/6, Phoenix Flats, Triq Edgar Ferro', Pieta hu proprjeta parafernali tar-rikorrenti u li l-inimat m'ghandu l-ebda jedd ta' kwalunkwe' xorta dwar dan il-fond.

7. Tordna lill-intimat jirrestitwixxi lill-esponenti l-beni u krediti parafernali u dotali taghha, u li jhallas dawk id-djun kollha li inkorra hu jew li gew inkorsi ghalih izda li kellhom jigu imhallsa minn martu r-rikorrenti jew li b'xi mod jiggravaw lill-esponenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li qieghed jigi minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u l-elenku ta’ dokumenti tal-attrici.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li permezz taghha ressaq id-difiza tieghu bil-mod segwenti:

Illi l-esponent jaqbel illi tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-attrici stante li hija hatja ta' abbandun, eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi kontra l-esponent bil-konsegwenza illi l-hajja flimkien ma ghadhiex aktar possibbli ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment;

Illi ghalhekk l-ewwel talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu imputtabli lill-esponent kif ser jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza u l-allegazzjonijiet ta' vjolenza,

adulterju, theddid, servizji, eccessi u ingurji gravi fil-konfront tal-esponenti huma inveritiera u fiergha;

Illi t-tieni talba dwar il-kura u l-kustodja taz-zewgt itfal minuri ghandha tigi michuda in kwantu bhala genituri tal-minuri Sarah u Erin il-kontendenti ghandu jkollhom sehem ugwali fit-trobbija ta' wliedhom u ghalhekk ikun aktar gust fic- cirkostanzi li l-kura u l-kustodja tigi fdata konguntivament bejn il-partijiet. Illi fi kwalsiasi kaz, l-esponent jrid li jigi akkordat access ampju illi jipperrnettilu relazzjoni shiha u sostenibbli ma' wliedu, liema access ma ghandhux jibqa' taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg u dana ghal ragunijiet li ser jigu ampjament esposti fit-trattazzjoni tal-kawza u f'dan ir-rigward jinhtieg l-intervent ta' dina l-Onorabbli Qorti sabiex jigi zgurat illi r-rapport tat-tfal minuri ma' missierhom ma jibqax kondizzjonat mill-allegazzjonijiet fiergha u inveritiera da parti tal-attrici u mill-burdati u l-istat emozzjonali tal-attrici u tal-familjari taghha;

Illi l-esponent iqis illi l-irngieba ta' martu kienet tali illi hija ddekadiet mid-dritt taghha illi tithallas il-manteniment ghaliha. Di piu, l-attrici ghandha tnejn u tletin sena u fil-fatt kienet tahdem u ghalhekk kapaci zzomm lilha nfisha. L-esponent jaccetta illi jhallas manteniment ghat-tfa1 minuri f'rata ragjonevoli li tkun skond i1-mezzi tieghu;

Illi r-raba talba hija nfondata fil-fatt u fil-ligi stante li hija l-attrici li gabet it-tifrik irrimedjabbli taz-zwieg tal-kontendenti u ghalhekk ma hemmx lok ghall-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-ligi citati mill-attrici u di piu l-attrici ddekadiet minn sehmha ta' parti sostanzjali tal-gid komuni;

Illi l-hames talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti mhijiex opposta, b'dan pero li kif diga nghad kienet l-attrici li gabet it-tifrik taz-zwieg u ghal din ir-raguni ghandhom jigu applikati s-sanzjonijiet kontemplati mil-ligi kontra l-attrici;

Illi fir-rigward tas-sitt talba l-attrici ghandha tipprova li d-dar matrimonja1i hija proprjeta parafernali taghha. Fi

kwalsiasi kaz, l-esponenti ghamel diversi benefikati fid-dar matrimonjali qabel u wara z-zwieg li ghandhu jigu kkumpensat taghhom u gha1hekk ghandu jeddijiet fug 1-imsemmi fond;

Illi l-esponent jiddikjara li m'ghandu ebda beni jew krediti parafemali jew dotali appartenenti lill-attrici u l-attrici ghandha tipprova dak minnha allegat fir-rigward tal-allegati djun mhallsa minnha u li ma gewx diga restitwiti lilha;

Illi l-esponenti minn naha tieghu ghamel minn kollox sabiex jipprova jsalva z-zwieg u tenut kont tal-htijiet tal-attrici, l-esponenti m' ghandhiex tbaghti l-ispejjez tal-kawza;

Sa1v eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenut fejn ippremetta u talab is-segwenti:

Billi l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat pprezentat kontra tieghu mill-attrici u debitament notifikat lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba.

Billi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghandhiex aktar possibli minhabba sevizzi, minacci, insulti, eccessi u ingurji gravi da parti tal-attrici;

Tghid l-istess attrici ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici u ghall-finijiet tal-artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda;

2. Tawtorizza lill-konvenut illi jghix separat mill-attrici martu;

3. Tordna illi l-kura u l-kustodja tal-minuri Sarah u Erin, ahwa C B, tigi [data konguntivament bejn il-kontendenti u fi kwalsiasi kaz tistabilixxi granet u hinijiet ampji ghall-access tal-konvenut lil uliedu minuri fil-granet u l-hinijiet stabiliti rnill-Qorti, liema access ma jkunx taht supervizjoni tal-Agenzija Appogg jew taht supervizjoni ohra in kwantu ma jezistu ebda ragunijiet li ghandhom jiggustifikaw li l-imsemmi access ghandu jkun taht supervizjoni;

4. Previa okkorrendo dikjarazzjoni illi l-attrici kienet tahdem u hija kapaci u obbligata tkompli tahdem jew altrimenti tiggenera dhul ghall-htigijiet tal-familja, tikkundanna lill-istess attrici skond il-kaz, thallas dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-attrici u l-bzonnijiet tal-imsemmija tfal minuri, bhala kontribut tal-attrici lejn il-manteniment tat-tfal, pagabbli mill-attrici stess lill-istess minuri fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din l-Qorti;

5. Tapplika kontra l-attrici interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili;

6. Ixxolji u tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif ordnat u stabilit minn dina l-Qorti in vista inter alia tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti form anti parti mill-istess komunjoni u tal-benefikati maghmula fid-dar matrimonjali mill-istess esponenti, u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-konvenut u l-ohra lill-istess attrici billi, okkorendo ghall-finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni kif jinnecessitaw ic-cirkostanzi;

7. Tikkundanna lill-attrici tikkonsenja lill-konvenut esponent il-beni kollha parafemali tieghu illi jigu dettaljati fil-kors tas-smiegh tal-kawza;

Rat il-lista tax-xhieda annessa mal-kontro talba.

Rat ir-risposta guramentata tal-attur rikonvenzjonat li permezz taghha ressaq id-difiza tieghu ghat-talbiet rikonvenzjonali bil-mod segwenti:

1. Illi l-esponenti taqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u dana pero' ghal dawk ir-ragunijiet unikament imputabbli lill-intimat kif gja inghad fir-rikors promotur.

2. Illi ghar-rigward it-tieni talba tal-intimat biex hu jigi awtorizzat jghix separatament minn ma' martu, jinghad illi effettivament l-intimat ilu jaghmel dan ghal zmien twil fejn fl-istess perjodu kellu esperjenzi ma' diversi nisa, u ghaldaqstant it-tieni talba ghalkemm rnhux opposta hi certament wahda ironika ghall-ahhar.

3. Illi dwar it-tielet talba, l-kura u kustodja tal-minuri Sarah u Erin C B ghandha tigi fdata lill-esponenti esklussivament u dan fl-interess suprem tal-istess minuri, u l-access tal-intirnat ghandu jibqa' dak kif prezentement regolat minn din l-Onorabbli Qorti, u cioe' taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg.

4. Illi dwar ir-raba' talba, l-esponenti ilha zmien twil tmantni wahedha flimkien mal-genituri taghha lil uliedha minuri peress li l-intimat lanqas biss jikkontribwixxi centezmu wiehed bhala manteniment, u ghalhekk l-intimata certament m'ghandha l-ebda oggezzjoni li tkompli tmantni lil uliedha kif ghamlet u ghadha effettivament taghmel ta' kuljum, kuntrarjament ghall-intimat, li ghandu jigi kkundannat ukoll biex ihallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-esponenti.

5. Illi dwar il-hames talba, is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikoli tal-ligi citati mill-intimat ghandhom jigu applikati fil-

konfront tal-istess intimat u mhux fil-konfront tal-esponenti.

6. Illi dwar is-sitt talba, l-esponenti taqbel li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet tigi likwidata u diviza, b'dana illi ma hemm l-ebda data li fiha l-esponenti (kuntrarjament ghall-intimat) tista' tinstab hatja ghall-firda; u b'dana illi l-esponenti

7. Illi dwar is-seba' talba, l-esponenti qatt ma opponiet li tikkonsenja l-ftit beni parafernali tal-intimat li hemm fil-pussess taghha a favur lill-istess intimat.

Rat il-lista tax-xhiea annessa mar-risposta guramentata tal-attrici.

Rat ir-rapport tal-abbli Perit Psikologa Dr Vanessa Ellul mahluf fl-20 ta’ Dicembru 2010 (fol. 151).

Rat ir-rapport peritali mahluf mill-abbli Perit Legali Dottor Lorna Mifsud Cachia fid-9 ta’ Ottubru 2012 (fol. 451).

Rat ir-rikors tal-attrici tad-19 ta’ Gunju 2012 fejn l-attrici talbet li t-talba ghas-separazzjoni titqies bhala talba ghad-divorzju.

Rat is-sentenza in parte fl-ismijiet premessi moghtija llum li permezz taghha ikkonvertiet il-kawza odjerna ghal wahda ghall-hall taz-zwieg.

Rat l-atti kollha

PROVI.

Il-partijiet izzewgu fit-12 ta’ Dicembru 2005 u minn dan iz-zweig kellhom zewgt itfal , Sarah imwielda fl-1 ta’ Gunju 2004 u Elton imwieled fl-1 ta’ Jannar 2007. Il-konvenut kien diga mizzewweg precedentement liema zwieg kien gie annullat mill-Qorti ghal ragunijiet imputabbli lill-attur.

Jirrizulta mill-provi akkwiziti illi matul iz-zwieg l-attrici kienet il-vittma ta’ komportament abbuziv min-naha tal-

konvenut. L-attrici spjegat kif kontinwament kien ikollhom litigji bejniethom inkwantu l-konvenut kien spiss johrog u jirritorna tard bil-lejl.  Hija spjegat illi fit-tieni tqala taghha l-konvenut ma kien jaghtiha l-ebda support tant li ghall-vizti medici ma kien jakkumpanjaha.  Dan l-attegjament kien ikkostringa lill-attrici li ghal hames xhur tat-tqala tmur tghix mal-genituri taghha.

Dwar il-karattru tal-konvenut, l-attrici spjegat li kienet taqbdu jnizzel films pornografici minn fuq l-internet, li kien waqt iz-zwieg kien jifrekwenta diversi tfajliet u kien ukoll jabbuza mid-droga u mill-alkohol.

L-attrici tirrakkonta diversi episodji ta' vjolenza uhud minnhom anke fil-presenza tal-minuri.

Dwar il-bzonnijiet tal-hajja hija spjegat li ghalkemm il-konvenut kien ikollu flus kien ihalliha nieqsa mill-flus ghalkemm hu kien jonfoq flus fil-hrug.

Il-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu quddiem il-perit legali ghalkemm kellu sessjoni mal-Perit Psikologa Dr Veronika Ellul fir-rigward tal-access ghat-tfal.

Konsiderazzjonijiet.

**Separazzjoni u Htija**.

M'hemmx kuntrast bejn il-partijiet li z-zwieg ta' bejnithom tkisser irrimedjabilment.

Sew fit-talbiet attrici kif ukoll fit-talbiet rikonvenzjonali kull parti titfa l-htija ghal dan fuq il-parti l-ohra.

L-attrici tallega li l-konvenut kien adulteru pero' ma tressaq l-ebda prova ohra hlief ix-xhieda taghha. Fix-xhieda minnha moghtija l-allegazzjonijiet taghha f'dan ir-rigward baqghu vagi. Kif tajjeb issenjalat il-Perit Legali, il-gurisprudenza hi konkordi fis-sens illi ghalkemm f'cirkostanzi simili l-aqwa prova hi hafna drabi difficli, huwa ormai pacifiku fid-dottrina u fil-gurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u prezunzjonijiet,

purche’ dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti, b’mod li ma jhallu ebda dubju f’min ghandu jiggudika. (ara sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Catherine Bartolo vs Joseph Bartolo** mogthija fit-30 ta’ Settembru 2011 (Citaz. 48/2008) fejn il-Qorti ma kenitx emmnet ic-cahda tal-habiba tal-konvenut)

Fil-kawza odjerna l-attrici ma resqet l-ebda prova sabiex b’xi mod tikkorobora dak li kienet xhedet dwaru. Hija resqet bhala xhud lil mara tal-ewwel zwieg annullat tal-konvenut, certu Theresa Medati Hassanein Ibrahim pero’ x-xhieda taghha tirrigwarda l-adulterju tieghu matul l-ewwel zwieg li eventwalment gie annullat. Ghal finijiet ta’ din kawza huwa dak li sehh matul iz-zwieg bejn il-partijiet li hu rilevanti u mhux dak li sehh qabel u ghalhekk il-prova imressqa mill-attrici ma tilhaqx dak il-grad ta’ prova rikjest almenu sal-livell ta’ dak li probabilment gara.

Apparti l-adulterju l-attrici resqet ukoll bhala kawzali l-vjolenza, sevizji, eccessi u ingurji gravi.

F’dan ir-rigward l-esponenti xhedet b’dettal bl-agir vjolenti tal-konvenut korrobrat dan b’diversi xhieda li ghalkemm mhux okulari pero’ jissodisfaw il-kriterji ta’ xhieda cirkostanzjali li tikkorobora ix-xhieda principali tal-attrici. Fost dawn hemm ix-xhieda tat-tabib Dottor Jason Bonnici li xhed (fol. 169) li kien ezamina lill-attrici fl-24 ta’ Mejju 2007 u ccertifika diversi feriti ta’ natura hafifa konsistenti fi grif. Xhed ukoll is-Surgent tal-Pulizija PS Keith Caruana dwar rapporti li saru fl-Ghassa tal-Hamrun rigward incidenti bejn il-partijiet.

F’dan ir-rigward hija rilevanti ix-xhieda li tat Theresa Medati Hssanein Ibrahim fuq imsemmija in kwantu ghaliex mix-xhieda taghha johrog il-karattru u l-agir pjuttost vjolenti tal-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ vjolenza, eccessi u mohqrija fil-konfront tal-attrici. Fost l-agir tieghu bizzejjed issier referenza ghal: id-diversi episodji ta’ vjolenza fuq l-attrici anke fil-presenza tal-ulied minuri tal-partijiet liema episodji setghu ukoll hallew effett trawmatiku fuq l-istess minuri u dan kif anke konstatat mill-Esperta Psikologa Dr Veronica Ellul; tghajjir

fil-konfront tal-attrici;  nuqqas ta’ ghajnuna waqt it-tieni tqala;  ihalli lill-attrici bla flus.  Fl-asjem tieghu dan kollu jammonta ghall-vjolenza fizika u morali u dan ma kienx xi episodju izolat izda agir rikorrenti fuq medda ta’ snin.

Mix-xhieda moghtija mill-attrici jirrizulta li l-konvenut  kien diga abbuziv maghha minn sew qabel ma zzewgu meta kienu jghixu flimkien u diga kellhom tarbija.  Dwar dak il-perijodu tghid hekk:

Dejjem bl-argumenti mieghi, jidghi u jkellimni hazin. Man-nies u quddiem in-nies dejjem qisu anglu! Sarah tghidx kemm kienet tibza u tibki mwerwra. Darba waqt argument tant xerghet li kif kont bil-pygama qbadtha u tlaqt '1 barra. Gie warajja jidghi u jheddidni li jekk ma nidholx il-gewwa, id-daqqiet ta' ponn li kien qed jaghti fuq il-hajt fuqi jaghtihom. Waqaf quddiem il-karozza biex ma nsuqx u kelli nidhol il-gewwa, jheddidni biex ma nghid lil hadd. Xorta baqa jaghti mal-hajt u mas-sodda fejn kien hemm it-tifla u kien werwima. Ipprova jigi ghalija imma laqat il-lampa minflok lili. Filwaqt li dejjem jheddidni biex ma nghid lil hadd u jghidli li l-argument kien tort tieghi ghax jien kont bdejt insaqsih fejn u ma' min kien ikun. Dejjem kien jghidli li xogholi kien li niehu hsieb lil Sarah u lilu nhallih! Spiss kont nitla weekend ghand tad-dar u ma nghidilhom xejn. Kien dejjem jinsisti li la kellu bzonn lili u lanqas lil Sarah ghax hu seta jkollu tfal x'hin irid u ma' min irid! Kont inkun imwerwra l-hin kollu b'din l-imgieba aggressiva peress kien ikun dejjem taht l-effett tal-haxixa u xurban. Kont ixxommu riha ta' xorb mill-bieb ta' barra.

Dan l-agir baqa’ ghaddej mill-jum taz-zwieg taghhom ‘il quddiem:

Izzewwigna f'Dicembru 2005. F'lannar mar Tunis wahdu. Dejjem iweghedni li ser jinbidel. Biegh sehemu tal-Famotre b'telf lil Fabrizio Faniello. Dan kellu jaghti lil Momo l-bqija tas-somma mislufa li jien kont ghamilt f'isem Momo u li kont bqajt inhallas wahdi. Dejjem baqa' jweghdni li se jtini l-flus hu ta' dan is-self imma qatt ma tani xejn. U jien dejjem bla flus ghax lil Sarah dejjem jien xtrajtilha kull ma kien jonqosha u bli ghenitni ommi.

Kuljum kien johrog u jigi lura xi l-5 ta' filghodu. Ergajt hrigt tqiia f April 2006. Konsegwentement l-affarijiet marru ghall-aghar. Kont nibza jkolli x'naqsam mieghu sesswalment ghax dejjem kont nispicca b'xi infezzjoni. Kont nevita peress li kont certa li kien qed ikollu x'jaqsam ma haddiehor. Aktar beda johrog u aktar jigi tard. Gieli dahal id-dar fl-10 ta' filghodu. Bil-lejl u bi nhar barra. Jigi d-dar jorqod ghal ftit, ibiddel u jerga' jitiaq. Dejjem imdandan bl-ahjar iibies u qatt id-dar. Din it-tqala kienet difficli hafna. Kont inkun hafna ma niflahx u dejjem fis-sodda wahdi. Ridt niehu hsieb lil Sarah li kellha kwazi sentejn. Lanqas stajt nibqa' nahdem ghax dejjem imdardra u fis-sodda. Kien jippeferi jmur mat-tfajliet u t-tunezini. Dawk kienu l-familja tieghu kien jghid, rnhux jien u Sarah. Kien jghid li htija tieghi li kont tqila u qatt ma ried jigi mieghi ghal check-ups ghand it-tabib. Kont nghaddi b'xi tazza ilma u bicca hobz gumata shiha, jien u t-tifla.

Mill-2005 sal-2007 meta l-attrici ipprocediet kontra l-konvenut, kien hemm diversi episodji ta’ vjolenza u perijodi ta’ xhur li l-attrici kellha titlaq mid-dar matrimonjali u tmur tghix mal-genituri taghha.

Hija ghalhekk il-fehma tal-Qorti li l-konvenut huwa unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-parijiet. Ser tistabbilixxi l-1 ta’ Jannar 2006 bhala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruhu hati ghat-tkissir ta’ dan iz-zwieg.

## **Proprjeta’ Parafernali u Komunjoni tal-Akkwisti**.

Jirrizulta li l-fond li kien jintuza bhala d-dar matrimonjali u cioe’ flat numru 6, fit-tielet sular ta’ blokk ta’ sitt flats, liema blokka iggib l-isem Phoenix Flats, Triq Edgar Ferro, Gwardamangia, Pieta’ (23/6, Triq Edgar Ferro, Pieta’) flimkien ma’ garaxx mieghu sitwat bin-numru 7, hija proprjeta’ parafernali tal-attrici u ghalhekk in vista tar-rizultanzi fuq imsemmija il-konvenut ser jigi dikjarat li tilef kull dritt ta’ tgawdija li kellu fuq id-dar matrimonjali.

Tressqu provi dwar facilita’ bankarja li kienet ittiehdet mill-attrici sabiex lestiet il-flat proprjeta’ parafernali taghha. Hija xhedet illi l-konvenut kien ha parti minnhom ghal negozzju li ried imexxi f’Bugibba. Dan jirreferi ghall-facilita’ bankarja numru 4001489546-5. Dwar dan xhed Louis Gatt, Manager fil-fergha tal-Bank of Valletta f’San Gwann illi ikkorobra lill-attrici f’dak li jirrigwarda l-ammont li gie percepit mill-konvenut minn dik il-facilita’ bankarja sabiex juzhom fin-negozju tieghu:

Niddikjara illi jiena naf liz-zewq partijiet bliala klijenti tal-Bank. B’ referenza ghad-dokumenti illi ghandi mieghi u wkoll minn dak illi niftakar, Rachele C B Dn hadet zewq loans wiehed minnhom f Novembru tas-sena 2004 ghall-ammont ta' hamest elef Lira Maltija (Lm5,000) u l-iehor fl-4 ta' Frar, 2006 ghall-ammont ta' hdax-il elf Lira Maltija (Lm11 ,000).
Dwar l-ewwel loan, jiena nghid illi r-rikorrenti kienet introdotta mal-Bank ta' San Gwann mill-intimat sabiex tiehu self ta' hames elef Lira Maltija (Lm5,000) sabiex ikunu jistghu jintuzaw f negozju taghhom. Li naf jiena huwa illi E kien ser ikollu *share* ta' terz b' dawn il-hames elef Lira Maltija (Lm5,000) f' hanut gewwa Bugibba. Dak iz-zmien, l-intimat ma kienx mizzewweg ma' A u dan nafu ghax qaluhuli huma. Ma nafx jekk kienx rnizzewweg ma' haddiehor ghax qatt ma qalli jekk kienx mizzewweg ma' haddiehor.
Mistoqsija in ezami:ghalfejn inharqet f' isem ir-rikorrent il-loan meta kienet intiza sabiex l-intimat jakkwista sehem minn terz minn hanut f Bugibba?
Twegiba: Ir-rikorrenti kienet lesta illi tiehu s-self f isimha sabiex tghaddi dawn il-flus ghall-investiment ta' l-intimat. Dan nafu mill-informazzjoni illi tawni huma t-tnejn. Nghid illi gew ghandi flimkien u kellmuni flimkien.
Mistoqsi dwar min effettwa r-ripagamenti nghid illi kienu qed isiru permezz ta' *standing order* mill-kont ta' A fejn kienet tidhlilha l-paga taghha.
Dwar it-tieni *loan* ngliid illi t-tieni *loan* harget f isem ir-rikorrenti biss hemm ukoll garanzija ipotekarja ta' E C B u ngliid illi din hija ipoteka generali.

Mistoqsi dwar kif din il-loan kienet f' isimha biss meta kienet mizzewga nghid illi qabel xejn il-loan ittiehdet for completion of an apartment sitwat fi 23/6, Phoenix Flats, Ferris Street, Pieta' u allura nispjega illi t-titolu tal-proprjeta' kien fuq isimha wehedha.

Nispjega illi ahna mxejna fuq parir legali verbali illi nghatalna fejn gejna istruiwti naghtu s-self lir-rikrorenti f'isimha wehedha stante illi l-proprjeta' illi kellha tigi kompluta kienet f' isimha biss:;

Jirrizulta ghalhekk illi l-konvenut huwa debitur tal-attrici fl-ekwivalenti ta’ Lm5,000, l-ammont li huwa ha mill-fondi mislufa mill-attrici minghand il-Bank of Valletta ghal negozju tieghu f’Bugibba. Ma tresqu l-ebda provi dwar dan in-negozju, la mill-attrici u lanqas mill-konvenut, u ghalhekk ghall-finijiet tal-qsim tal-komunjoni ta’ bejn il-partijiet, kwalunke dritt tal-attrici fuq dan in-negozju ser jigi assenjat lill-konvenut filwaqt li l-konvenut ser jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (Euros 11,645).

Fis-seba’ eccezzjoni tieghu l-konvenut jeccepixxi illi huwa kien ghamel diversi benefikati fid-dar matrimonjali qabel u wara z-zwieg li ghalihom qed jitlob li jigi kumpensat. Jghid li ghalhekk huwa ghandu jeddijiet fuq il-fond proprjeta’ tal-attrici.

Il-konvenut ma gab l-ebda provi dwar x’benefikati allegatament ghamel f’dan il-fond. Inoltre jirrizulta li huwa ghamel uzu minn dan il-fond minghajr qatt ma ta kumpens lill-attrici bhala s-sid uniku tal-istess fond.

Ghalhekk hija l-fehma ta’ din il-Qorti illi l-pretensjoni tal-konvenut li jigi kkumpensat ghal benefikati li allegatament ghamel ma gietx sostanzjata.

**Depoziti bankarji**.

Mix-xhieda tar-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc jirrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:

Kont numru 40010743249 intestat f'isem l-attrici li fil-31 ta' Dicembru 2011 li fl-1 ta' Jannar 2008 kellu bilanc ta' Euros 31.96

Kont numru 40014908556 intestat f'isem il-partijiet flimkien li fil-15 ta' Ottubru 2007 il-bilanc kien Nil.

Kont numru 40013885463 intestat f'isem l-attrici li fl-1 ta' Jannar 2008 kellu bilanc ta' Euros 357.72

Kont numru 40010743317 intestat f'isem l-attrici li fil-11 ta' Jannar 2008 kellu bilanc ta' Euros 572.33

**Self**.

Irrizultaw ukoll zewg facilitajiet attivi ta' self mill-Bank of Valletta plc:

Home Loan Account nru 4001 4895465 li fil-11 ta' Novembru 2008 kellu bilanc passiv ta' Euros 25,067.47

Consumer Loan Account nru 4003647032 intestat fuq isem l-attrici u li fil-11 ta' Novembru 2008 kellu bilanc passiv ta' Euros 6,137.30

Dan is-self sar mill-attrici sabiex bl-ewwel facilita' bankarja iffinanzjat ix-xiri tal-flat proprjeta' taghha u bit-tieni facilita bankarja kompliet tirranga l-fond. Ghalhekk l-obbligu li d-dejn mal-bank jigi saldat jispetta lill-attrici u mhux lill-konvenut filwaqt li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (Euros 11,645) kif fuq spjegat.

**Vettura**.

Vettura tal-Marka Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni CAB 219 li inxtrat fiz-zwieg tinsab fuq isem il-konvenut.

**Manteniment**.

Jirrizulta mill-atti illi l-konvenut ma jhallasx manteniment lill-attrici la ghaliha u lanqas ghall-minuri. Ma jirrizultax li fil-mori tal-kawza l-attrici talbet xi digriet pendente lite f'dan ir-rigward. Hija tispjega li ma ghamlitx tali talba ghaliex thoss li xorta wahda l-konvenut jispicca ma jhallasx.

Rapprezentant tal-ETC xhed dwar id-diversi impiegi li l-konvenut kellu tul dawn is-snin principalment fil-qasam tal-animazzjoni. Sabiex tkun tista' trabbi liz-zewg ulied minuri l-attrici ma hargitx tahdem. Jidher car li l-konvenut jahdem ghar-rasu fil-qasam tal-animazzjoni u ghalhekk ghandu dhul regolari.

Ghalhekk hija l-fehma tal-Qorti li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas manteniment mhux biss ghaz-zewg minuri izda wkoll ghall-attrici. Fil-kaz tal-attrici pero' l-Qorti tqis li xorta ghandha l-obbligu li tfittex impieg appena l-ulied minuri jkunu jattendu l-iskola u ghalhekk l-attrici qed tigi akkordata manteniment ta' Euros 250,00 fix-xahar sakemm ma timpjegax ruhha full-time. Dan il-manteniment ma jintilifx jekk l-attrici issib impieg part-time ta' anqas minn hmistax-il siegha fil-gimgha.

Fir-rigward tal-minuri l-konvenut ghandu jhallas is-somma ta' mija u hamsin ewro (Euros 150) fix-xahar ghal kull minuri. Liema manteniment jibqa' jithallas wara li jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time.

Illi fir-rigward it-talba ghall-hall taz-zwieg il-provi imressqa jissodisfaw dak rikjest bl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghall-ksib tad-divorzju;

**Decide**.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza bil-mod segwenti.

Fir-rigward tar-rikors guramentat prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut-

1. Tilqa' l-ewwel talba kif emendata bis-sentenza parzjali moghtija llum fl-istess ismijiiet u tiddikjara d-divorzju ta' bejn il-parijiet u ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Tiddikjara wkoll lill-konvenut unikament responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg ta' bejn il-parijiet.

2. Tilqa' t-tieni talba u takkorda l-kura u kustodja taz-zewg minuri Sarah u Erin lill-attrici. L-access tal-missier ghaz-zewg minuri ghandu jkun taht supervizzjoni fl-edificju tal-Agenzija Appogg nhar ta Tlieta bejn il-5.00pm u s-7.00pm .

3. Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma komplessiva ta' sitt mija u hamsin ewro (Euros 650) fix-xahar rapprezentanti in kwantu ghal Euros 250 fix-xahar manteniment ghall-attrici, in kwantu ghal Euros 200 fix-xahar manteniment ghall-minuri Sarah u in kwantu ghal Euros 200 fix-xahar manteniment ghall-minuri Eric, liema manteniment jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja u li fir-rigward tal-minuri jibqa' jithallas anke wara li jaghlqu tmintax-il sena jekk jibqghu jistudjaw full-time.

4. Tilqa' r-raba talba, tistabbilixxi l-1 ta' Jannar 2006 bhala d-data li fiha l-konvenut irrenda ruhu hati ghat-tifrik taz-zwieg tal-partijiet u tiddikjara li l-konvenut tilef kull jedd fuq l-akkwisti tal-attrici mill-imsemmija data 'l quddiem.

5. Tilqa' l-hames talba, ixxolji l-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet u tassenja lill-attrici kwalunkwe sehem li l-konvenut ghandu fil-vettura Marka Daihatsu Charade numru tar-registrazzjoni CAB 219

6. Tilqa' s-sitt talba, tiddikjara ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi li l-konvenut m'ghandu l-ebda dritt fuq il-fond 23/6, Phoenix Flats, Triq Edgar Ferro' , Pieta'.

7. Tilqa’ s-seba’ talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta’ hdax-il elf, sitt mija u hamsa u erbghin ewro (Euros 11,645) kif fuq spjegat bl-imghax legali mill-21 ta’ Marzu 2006.

Fir-rigward tal-kontro-talba, ghar-ragunijiet fuq esposti, tichad it-talbiet kollha rikonvenzjonali.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------